MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 5/2007

**Joseph Cutajar**

**vs**

**Actavis Ltd**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Marzu, 2007, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “**<u>1. Introduzzjoni</u>**
>
> Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors maghmul fis-6 ta’ Dicembru 2006 mill-Avukatessa Joanne Vella Cuschieri f’ isem is-sur Joseph Cutajar fejn gie allegat li dan kien gie licenzjat ghal raguni ingusta minn ma' Actavis Ltd. Il-Kumpanija Appellata li kienet assistita mill-

Avukatessa Vanessa Millo innegat dan. Inzammu erba' seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78 (1) tal-Kap 452 minhabba nuqqasijiet infrastrutturali t-Tribunal ma kienx f’ posizzjoni li jisma’ u jaqta’ dan il-kaz fiz-zmien preskritt mil-ligi.

**2. Fatti tal-Kaz**

Fil-11 ta' Ottubru 2006 l-Appellant gie infurmat mill-Kumpanija Appellata illi huwa kien qed jigi licenzjat waqt il-perijodu ta' *probation* skond l-artikolu 36 (2) tal-Kap 452. L-Appellant jirritjeni li l-perijodu ta' *probation* kien skada f’ dik id-data u ghalhekk il-Kumpanija ma setghetx tinvoka l-*probation* bhala r-raguni tal-licenzjament tieghu.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz jinpernja ruhu fuq id-data effettiva ta' l-impieg ta' l-Appellant ghaliex il-ligi tesigi li z-zmien ta' prova huwa ta' sitt xhur (artikolu 36(1) ). L-Appellant kien gie ingaggat bhala *trainee* fit-2 ta' Marzu 2005 mal-Kumpanija Appellata Actavis Ltd a bazi ta' kuntratt bejn tliet partijiet, l-istess Appellant, il-Kumpanija Appellata u l-*Employment and Training Corporation.* Il-kuntratt li kellu validita ta' sena kien jesigi li jsir *traineeship* u l-ETC kellha tissussidja s-salarju ta' l-Appellant. Finalment l-Appellant kien obbligat li jaghmel *competence test* fl-ahhar tal-perijodu ta' stharrig. L-Appellant jirritjeni li l-ingagg tieghu bhala impjegat beda meta wara li ghaddiet sena mill-ingagg tieghu u ma giex avzat skond il-ligi li skadielu l-kuntratt dan sar wiehed indefinit. Ghaldaqstant meta f’ Ottubru 2006 gie licenzjat il-perijodu ta' prova kien ilu li skada. Il-Kumpanija Appellata mill-banda l-ohra tghid illi l-perijodu ta' *traineeship* kien skada f’ Lulju 2006 meta kien intemm it-tharrig ta' l-Appellant u ghaldaqstant meta tatu s-sensja f’

Ottubru 2006 ma kienx skada l-perijodu ta' prova li huwa ta' sitt xhur.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-kuntratt li ta lok ghal dan l-impieg peress li fih kien jinstaghab il-muftieh tal-kaz. Huwa car mill-artikolu 6 ta' l-istess kuntratt illi t-*training period* huwa ta' sena. Izda rrizulta mill-provi illi t-tahrig li kien qed jigi sponsorjat mill-ETC kien jeccedi dan il-perijodu u fil-fatt kien iwassal sa' Lulju 2006. L-Artikolu 2 tal-kuntratt jghid testwalment illi *"This period commencing from Wednesday 2nd March shall form part of a traineeship. Successful completion of the traineeship under this scheme will in no way guarantee employment with the employer."* Il-kumpanija Appellata tinvoka dan l-artikolu fis-sens illi anke jekk il-kandidat jghaddi mhux garantit l-impieg ahseb u ara jekk ikun ghadu lanqas spicca il-kors.

Mix-xhieda ta’ l-ETC jirrizulta li l-*policy* ta’ l-ETC hija li tissovvenzjona ghal perijodu ta' sena biss. Billi dan il-kors ecceda s-sena l-ETC waqqfet is-sussidju izda dan ma kienx ifisser illi t-*traineeship* waqaf. Dana stqarru Sandro Sciberras, ufficjal ta’ l-ETC u firmatarju ta' l-istess kuntratt meta qal li l-Appellant "ghal fini ta’ l-ETC spicca fi 52 *weeks* pero' baqa' taht ir-responsabbilta taghna ghax l-*off the job training* ghadu ma spiccax" (seduta 14 ta' Frar 2006 fol. 18). It-Tribunal ihoss illi l-perijodu ta' sena msemmi fil-kuntratt fl-artikolu sitta japplika biss ghas-sovvenzjoni. Il-kuntratt fih innifsu jidher li gie estiz awtomatikament sakemm intemm it-tahrig ta' l-Appellant f’ Lulju 2006. Kien hemm speci ta' *suspensive clause.* L-artikolu 6 jitkellem car meta jghid: *"At the end of the traineeship, the trainee is expected to sit for a competence test."* Ghalhekk it-test ta' kompetenza isir fl-ahhar tat-tharrig u dan sar f’ Lulju 2006. Allura wiehed ghandu ghax jigbed il-konkluzjoni li t-*traineeship* kien estiz sa Lulju 2006. Jekk kien mod iehor x' kien jigri kieku ghal grazzja ta' l-argument il-

> kandidat ma kienx jghaddi mill-*competence test*? Ghaldaqstant l-impieg effettiv ta' l-Appellant beda' f' Lulju 2006 meta wara li ghamel il-*competence test* u fil-fatt ghadda minnu spicca l-perijodu ta' tahrig.
>
> **<u>4. Decizjoni</u>**
>
> It-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-licenzjament ta' l-Appellant Joseph Cutajar minn mal-Kumpanija Appellata Actavis Ltd sar waqt perijodu ta' prova kif sanzjonat mil-ligi u ghaldaqstant ma kienx ghal raguni ingusta.
>
> B' hekk jintemm dan il-kaz.
>
> **<u>5. Drittijiet</u>**
>
> Ghall-iskop ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wiehed.**"**

L-aggravju generali tar-rikorrenti Joseph Cutajar fil-kontestazzjoni tieghu tas-sentenza appellata hu dak li t-Tribunal Industrijali applika malament il-ligi meta ddecieda li t-tmiem ta' impjieg tieghu sar waqt iz-zmien tal-prova. Barra minn dan huwa jikkontendi illi t-Tribunal applika ragonament li ma huwa bl-ebda mod sanzjonat mil-ligi;

Huwa xieraq illi qabel ma tghaddi biex tinvestiga dan l-aggravju, il-Qorti tesponi certi principji ta' dritt li jghoddu ghal kaz;

F' materja ta' apprendistat u ta' *traineeship*, kif inhu hawnhekk il-kaz, id-dixxiplina legislattiva tidher li hi principalment kontenuta f' dawn il-fonti:-

(i) L-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig (Kapitolu 343);

(ii) L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 453);

S' intendi, ma tistax tonqos ukoll il-legislazzjoni sussidjarja taht iz-zewg kapi. In partikolari, ir-regolamenti dwar Skemi ta' Tahrig ghall-apprendisti u *trainees* maghmula bis-sahha ta' l-Artikolu 37 (1) tal-Kapitolu 343;

Minn dawn il-ligijiet, sija principali sija sussidjarja, jemergu sostanzjalment is-segwenti aspetti:-

(I) L-ewwelnett, illi kull ftehim ma' apprendist jew *trainee* jrid *ad probationem et validitatem* isir bil-forma skritta. Ara Artikolu 29 taht id-definizzjonijiet "apprendist" u "*trainee*" tal-Kapitolu 343, kif ukoll l-Artikolu 31 (1) ta' l-istess Kapitolu;

(II) L-impjieg ta' apprendist jew *trainee* irid isir wara otteniment tal-permess bil-miktub mill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig (ETC), imwaqqfa skond l-Artikolu 5 tal-Kapitolu imsemmi. Ara Artikolu 30 (1) tieghu;

(III) Kwantu ghal kondizzjonijiet ta' impjieg dawn ghandhom ikunu konsimili ghal dak tat-tifsira moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452;

Maghdud dan, kemm mill-ittra, kif ukoll mill-ispirtu, tal-ligi fil-Kapitolu 343 jitnisslu, fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) L-oggett tal-kuntratt bil-miktub hu dak tat-taghlim u tahrig ta' l-apprendist jew tat-*trainee* minn min ihaddem ghall-formazzjoni teknika tieghu u dik tal-prestazzjoni ta' attivitajiet minn dan in kwantu hekk mehtiega ghall-akkwist ta' dik it-teorija u prattika necessarja ghal dik il-formazzjoni;

(2) Jidher li d-determinazzjoni ta' zmien ta' l-apprendistat jew dak tat-*trainee* hu mholli fil-gudizzju ta' dak li jkun, dipendenti fuq in-natura tar-rapport innifsu, u

dak li jkun ritenut necessarju ghall-apprediment tat-teorija u tal-prattika fis-sengha partikulari;

(3) Il-kitba hi *ad substantiam* ghall-instawrar tar-rapport u l-istess jitqies fundamentali l-permess tal-Korporazzjoni. F’ dan jidher li l-iskop hu dak li jkun assikurat il-generu ta’ tahrig ghal liema l-apprendist jew it-*trainee* jkun adibit u x-xorta tal-kundizzjonijiet tal-prestazzjonijiet rikjesti minnu. Jista’ jinghad li l-provvediment ta’ l-Artikolu 30 (1) jirrapprezenta *conditio iuris* tal-kuntratt ta’ ftehim li min ihaddem jidhol fih ma’ l-apprendist jew it-*trainee*;

(4) Ma’ dawn jistghu jizdiedu l-fehmiet gja espressi minn din il-Qorti, kif presjeduta fid-decizjoni taghha “**Cutrico Services Ltd -vs- Pace Jon Willem *et***”, (Appell mit-Tribunal tat-Talbiet Zghar), moghtija fl-14 ta’ Dicembru, 2006;

Premessa din l-introduzzjoni, kif sewwa rrileva t-Tribunal, is-soluzzjoni tal-vertenza fil-kaz in ezami tiddependi mit-termini ta’ l-iskrittura ta’ ftehim tat-2 ta’ Marzu 2005, esebita a fol. 15 ta’ l-atti quddiem it-Tribunal, u l-interpretazzjoni li trid tinghata lil dawn l-istess termini u lill-provi attendibbli;

Ghal dak li jiswa ghall-iskop ta’ l-ezercizzju interpretattiv, it-termini l-aktar saljenti ta’ l-iskrittura ta’ ftehim jidhru li huma s-segwenti:-

(1) “*The Employer hereby undertakes to employ the trainee and provide him with a training period of 52 consecutive weeks and to train him and grant him facilities and opportunities to be trained in Laboratory Technician skills*” - Klawsola 1;

(2) “*This period commencing from Wed. 2nd March shall form part of a traineeship. Successful completion of the traineeship under this scheme will in no*

*way guarantee employment with the employer*" - Klawsola 2;

(3) "*The employer agrees to provide the trainee with information and knowledge related to the group of skills indicated in paragraph No. 1 above, in the form of theory lectures (not applicable when theory lectures are provided by ETC)*" - Klawsola 4;

(4) "*The conditions of employment applicable shall be governed by the Employment and Training Corporation Services Act (Act XXVIII of 1990)*" - Klawsola 5;

(5) "*The Employment and Training Corporation will pay the employer a subsidy equivalent of 25% of the minimum statutory wage (age pointed) applicable to the trainee for the training period*" - Klawsola 6;

Huwa importanti li jigi denotat mill-provi, anke ghaliex dan ghandu influwenza fuq ir-ragonament li din il-Qorti behsiebha taghmel aktar 'il quddiem, illi l-ETC, oltre s-sussidju tal-paga ta' l-appellanti, ipprovdiet ukoll ghal hlas tat-*tuition course* tal-Water Services Corporation ghal liema kien jattendi l-appellanti fil-ghaxijiet. Tali kors jidher li ntemm fit-12 ta' Lulju 2006 meta sar l-ezami finali tieghu. Dan kollu kif spjegat mix-xhud Sandro Sciberras, rapprezentant ta' l-ETC li fisser ukoll illi t-tahrig impartit lill-appellanti kien tahlita ta' "*off and on the job training*";

Fuq l-interpretazzjoni tieghu tal-klawsoli ta' ftehim u tax-xhieda ta' l-imsemmi Sandro Sciberras, it-Tribunal irraguna hekk:-

(1) Il-perijodu ta' sena stipulat fil-ftehim japplika biss ghas-sovvenzjoni mill-ETC fit-termini preskritti fi klawsola 6;

(2) Il-kuntratt gie awtomatikament estiz sakemm intemm it-tahrig ta' l-appellanti f' Lulju 2006. Dan fuq l-

assunt illi skond klawsola 6 (*recte* 9) tal-ftehim jinghad illi "*at the end of the traineeship the trainee is expected to sit for a competence test in the group of skills indicated in paragraph No. 1 above*". Minn dan jirraguna illi "kien hemm speci ta' *suspensive clause*". Li jfisser, dejjem skond it-Tribunal, illi t-*traineeship* kien estiz sa Lulju 2006;

(3) Konsegwentement jikkonkludi illi la l-perijodu effettiv ta' impjieg *full time* ma setax jibda jiddekorri hlief wara li ntemm il-kors, ossija wara t-12 ta' Lulju 2006, u gjaladarba meta l-appellant gie licenzjat (11 ta' Ottubru 2006) kien ghadu ghaddej il-perijodu ta' prova [sitt xhur skond l-Artikolu 36 (1) tal-Kapitolu 452], dak il-licenzjament tieghu ma setax jitqies li kien ingust;

Rispettosament din il-Qorti ma taqbelx mal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal u, anzi tara fihom l-izbalji tad-dritt denunzjati mill-appellanti u vizzju tar-ragonament maghmul;

L-ewwel senjalazzjoni li jokkorrilha taghmel din il-Qorti hi din. Ftehim bil-miktub jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma jistax jigi cirkuwit jew mibdul jekk mhux bil-kunsens *ad idem* tal-partijiet kollha involuti. Dan hu sew indott mid-dispost ta' l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili. Tali tibdil, imbaghad, ma jistax lanqas isir hlief fil-forma dettata mil-ligi. Fil-kaz in ispecje, in iskritto;

Agguntivament, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt:-

(1) L-istipulazzjoni tghid car u tond illi l-perijodu ta' tahrig hu dak ta' tnejn u hamsin (52) gimgha konsekuttivi li bdew fit-2 ta' Marzu 2005, data tas-sottoskrizzjoni mill-partijiet kollha involuti fl-istess ftehim;

(2) Id-distinzjoni bejn "*on the job/off the job*" *training* hi wahda ben markata. It-tahrig kellu jigi provdut mis-socjeta` appellata li mpjegatu bhala "*trainee*". Dan

bhala parti integrali mill-"*on the job training*" espressament assunta minnha fl-ewwel klawsola ta' ftehim. Ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet u l-obbligi taghha li tipprovdi wkoll il-kors ghax dan gie effettivament provdut mill-ETC u mhux minnha;

(3) Il-*competence test* ghal liema tirreferi l-klawsola 9 hu korrelatat mal-perjodu tat-*traineeship* ta' tnejn u hamsin gimgha li kellu jipprovdi l-*employer* u mhux ukoll ma' l-ezami li l-appellanti qaghad ghalih fl-ahhar tal-kors promoss mill-ETC. Fil-fatt minn imkien ma jinghad fil-ftehim illi l-appellanti kellu joqghod ghal xi ezami relatat ma' xi kors u jikseb success fih qabel ma jinghata impjieg *full time*. Kull ma jinghad hu li "*successful completion of the traineeship*", u f' dan hu komprensiv il-*competence test* minn min ihaddem, ma kienx garanzija ta' impjieg effettiv;

(4) F' dan kollu l-Qorti ma tistax tinjora x-xhieda ta' Sandro Sciberras, senjatament id-dikjarazzjonijiet li gejjin:-

(a) "Il-*policy ta' traineeship scheme* fiha massimu ta' tnejn u hamsin gimgha";
(b) "it-*traineeship* spicca wara 52 *weeks* f' dan il-kaz" u ghalhekk "fit-28 ta' Frar 2006 ma baqax *trainee* ghal ETC u f' dak il-kaz riedet issir *termination form* li spicca minn *trainee* imbaghad jeqilbuh skond l-esigenzi tal-kumpanija";
(c) "il-kors la kien imhallas mhux ser nghidulu ieqaf fit-tnejn u hamsin gimgha" jew "ghamel nofsu jew tliet kwarti minnu";
(d) L-assenteizmu ta' l-appellanti wara t-28 ta' Frar 2006 kien relatat mal-kors u "ma ghandu x' jaqsam xejn ma' *on the job training. Off the job* kien ghadu qed jattendi l-kors";
(e) "wara 52 *weeks* kellu jigi terminat bhala *trainee* u l-Actavis tiddeciedi x' ser taghmel mit-*trainee*, jekk jigix bhala *full timer* jew jitkecca";

(5) Forsi aktar centrali u ta' importanza minn dan kollu hi l-osservazzjoni li la l-ftehim jistipula massimali ta'

tahrig ta’ tnejn u hamsin gimgha, biex dan il-perijodu seta’ jigi estiz ma kienx jibbasta l-volonta tas-socjeta` appellata biss imma skond il-kanoni tad-dritt in tema ta’ kuntratt, l-unjoni tal-volontajiet tal-kontraenti kollha. Dan dejjem bil-forma skritta in kwantu l-osservazzjoni ta’ din il-forma determinata hi dik dettata mil-ligi fil-Kapitolu 343, u tali forma, allura, tikkostitwixxi oneru imposta fuq il-partecipanti kontrattwali kollha. Minn imkien il-ligi ma tahseb ghal xi skattar tacitu u awtomatiku ta’ l-estensjoni tal-perijodu miftiehem ta’ tahrig;

(6) Jikkonsegwi, illi l-element deciziv tal-vertenza ma kienx jaghmlu t-temm tal-kors offrut mill-ETC imma dak it-tmiem tal-perijodu ta’ tahrig (28 ta’ Frar 2006) kif kontemplat fl-ewwel stipulazzjoni tal-kuntratt. Jekk wara din id-data l-appellanti ma baqax *trainee* u thalla fl-impjieg, il-perijodu ta’ prova ta’ sitt xhur kellu jibda ghaddej mid-data appena riferenzjata u mhux ukoll minn dik ta’ l-ikkompletar tal-kors jew tar-riuxxita b’ success tieghu mill-appellanti fit-12 ta’ Lulju 2006;

(7) Jigi ghalhekk illi r-raguni tal-licenzjament moghtija mis-socjeta` appellata mhix sostenibbli ghaliex, kif manifest mis-suespost, il-perijodu tal-*probation* ma bediex fit-13 ta’ Lulju 2006 izda fit-28 ta’ Frar 2006 u dan igib li meta nghata l-avviz ta’ terminazzjoni fil-11 ta’ Ottubru 2006 l-imsemmi perijodu kien gja skada;

(8) La ma nghatat ebda raguni ohra tal-licenzjament hlief dik fit-termini ta’ l-Artikolu 36 (2) ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali l-konkluzjoni hi wahda. It-terminazzjoni, ghal dik ir-raguni, kienet wahda inappropprijata u ingusta;

La nstab li l-ilment ta’ l-appellanti hu wiehed bazat fid-dritt il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz li tirrimetti lura l-process lit-Tribunal Industrijali ghal konsiderazzjoni minnu ta’ dawk il-provvedimenti li jidhirlu xierqa li jkunu addottati fil-parametri ta’ l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452 skond ma c-cirkostanzi tal-kaz hekk jissuggerulu. Dan, ukoll, biex il-

partijiet ikollhom l-opportunita li jiddibattu ahjar din il-kwestjoni u ma jintilefx il-beneficcju tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell lilha sottomess u b’ hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal ghal konsiderazzjoni u decizjoni minnu tal-provvedimenti opportuni skond l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452. Fic-cirkostanzi, huwa xieraq li l-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------